MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 1649/2002

**Joseph Sammut**

**vs**

**Sylvia Cini**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), danni kkagunati wara incident stradali li sehh fit-28 ta' Lulju, 2000, go Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma' Triq l-Isperanza, Mosta, bejn il-vettura FBG-056 misjuqa mill-attur u l-vettura SYL-460 misjuqa mill-konvenuta. L-incident sehh meta l-konvenuta kienet niezla "wrong side" fit-triq u baqghet diehla fil-vettura ta' l-attur u kkawzat d-danni. L-incident kien unikament tort tal-konvenuta u ghalhekk hi responsabbli ghad-danni tal-attur, ridotti**

**ghall-elf u hames mitt lira Maltiija (Lm1500.00). B'hekk il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas id-danni.**

**Bl-ispejjez komprizi tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) spejjez legali u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax legali min-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-7 ta' Awissu, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffikuin kwistjoni ma garax tort tal-konvenuta, izda gara unikament tort u htija ta' l-attur u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 1133 Joseph Borg, Gaetano Muscat, Marisa Cutajar, Joseph Sammut u Sylvia Cini. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tal-11.30p.m. fi Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma' Triq l-Isperanza, Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBG-056 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SYL-460 misjuqa mill-konvenuta.**

**2. L-attur kien hiereg minn Triq l-Isperanza biex idur lejn Targa Gap meta f'daqqa wahda sab lill-konvenuta gejja "wrong side" u habtet fih u baqghet sejra.**

**3. L-attur kien hiereg minn Triq l-Isperanza biex imur fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, filwaqt li l-konvenuta kienet miexja fid-direzzjoni tal-Mosta.**

**4. Mix-xhieda mismugha, specjalment ix-xhieda indipendenti li inzertaw kienu fuq il-post fit-triq meta**

**gara l-incident, cioe` Gaetano Muscat u Marisa Cutajar, jirrizulta li l-attur kien ghadu kemm kemm beda jisporgi ghall-go Triq il-Kostituzzjoni meta gara l-incident, u li dan kien hares qabel ma hareg, kien waqaf fuq l-istop sign u beda hiereg bil-mod hafna kif suppost. Jirrizulta invece li l-konvenuta kienet gejja b'velocita` qawwija, qabzet karrozza, qabzet il-linja medjana li hemm fi Triq il-Kostituzzjoni, giet fuq il-karreggajata opposta minn fejn kien hiereg l-attur, dahlet go fih u baqghet sejra.**

**5. Dana huwa ukoll konfermat mid-danni riportati fil-vettura ta' l-attur, li kellu danni fuq quddiem kollu, il-bonnett u z-zewg mudguards. Is-Surgent PS1133 Joseph Borg ikkonferma li l-habta grat il-gewwa mill-linja medjana, u meta dan kien staqsiha l-ghala kienet qabzet dik il-linja medjana, il-konvenuta ma kienetx taf twiegbu.**

**6. Issa kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Debono vs Camilleri:**
**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**
**Inoltre kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**
**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control………."**
**Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:**

**“Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita` della macchina.”**

**7. Fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju li tenut kont tal-hin li fih gara l-incident u tal-lok fejn gara l-incident, il-konvenuta ma kienetx qed issuq b’mod prudenti, ma kienetx qed tuza d-debita diligenza, anzi din kienet qed issuq b’certa velocita’ u inoltre qabzet il-linja medjana tat-triq u invadiet kompletament il-karreggjata li minnha ried jghaddi l-attur. L-attur definitivament uza d-debita diligenza fil-manuvra tieghu biex johrog minn Triq L-Isperanza, u ma ghand ebda tort ghall-eventwali kollizzjoni, li sehhet unikament tort tal-konvenuta.**

**8. Bhala danni l-ammont li qed jitlob l-attur, ghall fini ta’ kompetenza, gie limitat ghall-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), anke jekk dan fil-fatt kellu aktar minn dan l-ammont bhala danni. L-ammont ta’ danni jirrizulta mid-dokument esibit, Dok.YMS, kif ukoll id-Dok.T1 u T2, u Dok.MSD.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw pruvati, it-Trbunal jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannha thallas lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), bl-imghax legali b’effett mill-4 ta’ Ottubru, 2002.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) spejjez legali u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------